# Minuti tat-tlieta u tmenin laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv St Peter

It-83 laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv St Peter saret nhar il-Ħamis 7 ta' Lulju 2016. Il-laqgħa bdiet fis-6.45 ta' filgħaxija b'talba.

Item 1 - Attendenza u apoloġiji

Preżenti kienu ċ-*Chairperson* is-Sur Mario Bartolo, il-Viċi-*Chairperson* is-Sur Luciano Farrugia, is-Sur Norman Clews, is-Sur Nicholas Azzopardi u s-Sur Joseph Agius.

Item 2 – Approvazzjoni tal-minuti

Il-minuti tat-82 laqgħa ġew unanimament approvati fuq proposta tas-Sur Agius li ġiet issekondata miċ-*Chairperson*.

Item 3 – Mistoqsijiet u affarijiet mill-minuti

Iċ-*Chairperson* tkellem dwar Triq San Leonardu u qal li kellu konversazzjoni mas-Sur Albert Vella, resident f'din it-triq li lmenta miegħu dwar tappiera li hemm fit-triq u li kienet tħabbat. Is-Sur Vella talab ukoll li tiġi rranġata bozza tixgħel u titfi li hemm mar-residenza tiegħu 'Xefaq' fi Triq San Leonardu. Iċ-*Chairperson* qal ukoll li s-Sur Vella kien talab sabiex it-triq tinkines aktar ta' spiss.

Dwar Triq il-Farfett tal-Fejġel iċ-*Chairperson* qal li kien ser jitneħħa l-qasab u jitwaħħal *dustbin* tal-klieb.

Item 4 – Korrispondenza

Ma kienx hemm korrispondenza.

Item 5 – Xogħol tal-Kumitat

Fuq proposta taċ-*Chairperson* li ġiet issekondata mis-Sur Farrugia, il-Kumitat qabel unanimament illi l-parti minn Triq Dun Salv Sciberras li għad fadal *two way* issir *one way* għat-traffiku.

Fis-7.00 ta' filgħaxija s-Sur Azzopardi talab li jkun skużat.

Item 6 – Affarijiet oħra

Iċ-*Chairperson* ippropona li jiġi rranġat inspection chamber li hemm fi sqaq li minn Triq il-Farfett tal-Fejġel jagħti għal Triq iż-Żarżarell. Is-Sur Agius issekonda l-proposta taċ-*Chairperson* u l-Kumitat qabel unanimament li jsir dan ix-xogħol.

Is-Sur Farrugia semma x-xogħol li qiegħed isir fi Triq il-Berebis u qal li min qiegħed jagħmel ix-xogħol fit-triq kisser parti mill-bankina. Is-Sur Farrugia talab li jittieħdu passi biex din il-bankina tiġi rranġata minn min għamel il-ħsara.

Is-Sur Farrugia saħaq dwar il-ħtieġa ta' *road hump* oħra fi Triq San Leonardu.

Fl-aħħarnett is-Sur Clews talab li tiġi rranġata bozza tixgħel u titfi li hemm mad-dar 'Olives' fi Triq San Leonardu.

Il-laqgħa spiċċat fis-7.10 ta' filgħaxija.

Duncan Busuttil
Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fl-84 laqgħa tal-Kumitat li saret nhar il-Ħamis, 11 t' Awwissu 2016.

Mario Bartolo
*Chairperson*